MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 281/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Barton Nigel Hugh**
**ID33888-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, sebgha u sittin ewro, disgha u ghoxrin centezmu (€1,067.29c) in konnessjoni ma’ *Laptop Connect* (AC50939653) u li jinkludi Lenovo S10 u *internet key Bandluxe* C270.

L-ammont fuq imsemmi jinkludi l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt, liema kuntratt huwa datat 6 ta' Lulju, 2009.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4839/10, u bl-imghax mill-21 ta' Dicembru, 2010, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'E'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, sebgha u sittin ewro, disgha u ghoxrin centezmu (€1,067.29c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------